# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TMINTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skużati : | Reno Chircop | - | Kunsillier | |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 2 | | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 16 (11 ta' Jannar) u nru. 17 (25 ta' Jannar)
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Adjudicating Tenders
Bulky Refuse
Sweeping
(4) Riżoluzzjonijiet
(5) Approvazzjoni Rapport Finanzjarju Lulju/Settembru, Ottubru/Diċembru.
(6) Approvazzjoni u l'iffirmar ta' ordnijet ta' pagamenti

## 18 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Nru. 16 u 17.

18 (1) 1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva nemcom il-minuti tal-laqgħa 16.

18 (1) 2 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nemcom il-minuti tal-laqgħa 17.

## 18 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif tal-ħidmiet u laqgħat li saru mit-12 ta' Jannar 2006 il-quddiem.

18 (2) 1 Laqgħa mal-Ministru George Pullicino – re Green Wardens (13.01.2006)

F'din il-laqgħa li saret għas-sindki kollha f'St. James Cavallier, il-Ministru tkellem dwar l-introduzzjoni tal-Green Wardens u il-Littering Regulations. Hawn insista għal koperazzjoni tal-Kunsilli biex din is-sistema tkun effetiva u produttiva.

Aktar dettalji dwar din il-laqgħa huma mehmuża ma dawn il-Minuti (Annex 1) kif preparati mis-Sindku Joseph Casha li attenda għal din il-laqgħa.

18 (2) 2 Laqgħa mal-perit Herman Bonnici dwar xogħol ta' restawr (31.01.2006)

Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju tal-Kunsill. Preżenti wkoll Dr. Ray Bondin u Perit ieħor mill-Heritage.

L-għan ta' din il-laqgħa kien biex il-Kunsill ikun infurmat li ħierġa tender dwar xogħol u restoration mas-Sur tal-Gardjola u fil-Gardjola u biex isir magħruf jekk il-Kunsill għandu pjanijiet oħra.

18 (2) 2 Ġie diskuss wkoll il-Ground tal-Football f'dan l-isfond ta' restawr. Jidher li qed ikun hemm oġġezzjonijiet mal-MEPA minħabba synthetic pitch biswit is-Sur tal-Gardjola ma jkunx jaqbel wara li tkun saret restawrozzjoni.

18 (2) 3 Is-Sindku Joseph Casha saħaq li il-Kunsill agħrbel, iddiskuta u ipprova isib alternattiva biex dan il-ground isir. Iżda kull darba jiġu irrifjutati minħabba iċ-ċokon ta' l-Isla hija dik li hi.

18 (2) 4 Il-Kunsill wasal biex joffri dak is-sit minħabba li din is-sit huwa devolut lil Kunsill bħala art biex tintuża bħala Ground tal-football.

18 (2) 5 Aktar tagħrif dettaljat kif preżentat mis-Sindku Joseph Casha huwa mehmuż ma dawn il-minuti.

18 (2) 6 <u>Bibien tax-xelters</u>

Is-Sindku informa lill-Kunsill li bdew jitwaħħlu il-bibien tax-xelters li hemm fuq in-naħa tal-ponta.

Ix-xelter li hemm in-naħa tal-bwejba ħdejn id-duluri ma jidhirx li hemm problemi pero f'dak li hemm ħdejn il-kurċifiss jitlob ħafna xogħol minħabba li dan huwa imbarrat bil-konkos.

Saret diskussjoni fuq dan l-item.

18 (2) 7 Katakombi fi sqaq D'Homedes

Is-sindku informa lill-Kunsill li bi ftehim ma min joqgħod fid-dar ta' fuq dawn il-katakombi, sejjer isir tindif fihom.

Dan it-tindif sejjer isir bil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill flok bil-kuntrattur. B'hekk l-ispejjeż ikunu mnaqqsa.

18 (2) 8 Spejjeż żejda fl-uffiċċju.

Is-Sindku Joseph Casha ġibed l-attenzzjoni b'mod speċjali li 'fl-uffiċċju tal-Kunsill' dwar l-użu tat-telephone. Qiegħed jirriżulta b'mod speċjali ix-xahar li għadda li saru ħafna calls fuq il-linja tal-mobiles. Saru mas-700 call u mad-900 call fuq it-telephone. Hemm bżonn ta' aktar kontroll fuq l-infiq u l-ispejjeż ta' l-uffiċċju.

Jekk ix-xahar id-dieħel jerġa jirriżulta l-istess, huwa sejjer jitlob lill-Maltacom statement fejn saru il-calls. Nifhem li hemm ħafna ta ' l-FES u biex niġġustifika neħħejt it-telephone minn fuq.

Is-segretarju eżekuttiv stqarr li bil-fors li l-ispejjeż ta' l-uffiċċju amministrattiv jiżdiedu konsiderevolment minħabba l-attivitajiet u korsijiet li għadejjin kuljum fil-bini tal-Kunsill speċjalment dawk imtella mill-FES taħt il-Life Long Learning li iċ-ċentru tiegħu fil-Kunsill ta' l-Isla.

Minn naħa tiegħu is-segretarju eżekuttiv sejjer iħejji rapport dwar dan.

18 (2) 9 Laqgħa fl-uffiċċju tal-PE Joseph Muscat. (19.01.2006)

F'din il-laqgħa li għaliha attendew l-erba' sindki tal-Kottonera, MEP Joseph Muscat ippreżenta proġett għal tagħlim informali ta qari u permezz ta' logħob tal-football għal tfal subien u bniet. Dan il-kors ħa jieħu 36 ġimgħa u qed jiġi mniedi permezz tal-ħidma li saret mill-MEP Joseph Muscat mat-team qawwi tal-Premier League Ingliż.

Comment [s1]:

Hemm il-ħsieb li dan il-proġett jiġi varat fit-tielet ġimgħa ta' Lulju wara li tkun ġiet fi tmiemha il-World Cup.

Dawk it-tfal magħżula sejrin ikunu taħt it-tmexxija ta' coaches kwalifikati u għalliema ( jekk jista' jkun individwali) u sejrin jaħdmu fuq bażi full time b'kuntratt ta' tlett snin.

Dan il-proġett sejjer ikun sponsorjat u finanzjat minn diversi ditti. Il-qofol ta' dan il-proġett huwa li it-tfal (subien u bniet) li jkunu qed jieħdu sehem f'dan il-proġett, waqt it-tagħlim ta ' Literacy u sejrin ikunu qed jgħixu f'ambjent ta' logħob tal-football kemm meta jkunu fil-ground u kemm meta jkunu fil-klassi mħejjija apposta.

Comment [s2]:

Qed jiġi mistħarreġ l-aħjar post fil-Kottonera biex jiġi implimentat dan il-proġett. Dan il-post irid ikun attrezzat bi klassijiet u pitch tal-ħaxix artifiċjali.

Is-sehem u l-impenn ta' l-erba' kunsilli lokali sejjer ikun li jsibu it-tfal biex jieħdu sehem f'dan il-proġett u li fl-aħħar tal-kors jagħtu tifkira u ċertifikat.

Għandhom isiru aktar laqgħat bi preparazjoni.

## <u>Sospensjoni ta' Regolament ta' Proċedura</u>

Is-Sindku ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex item 5 fuq l-aġenda jiġi diskuss qabel jgħaddu għal preżentazzjoni tal-korrispondenza. Dan ġie approvat.

## 18 (5) Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji (Lulju/Settembru 2005 u Ottubru/Diċembru 2005)

18 (5) 1 L-accountant tal-Kunsill kienet preżenti waqt dan il-ħin tal-Kunsill biex twieġeb għal mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera u biex jingħata aktar tagħrif dwar dan ir-rapport.

18 (5) 2 Rapport finanzjarju kwart 2 (Lulju – Settembru 2005) wara li ġie imfisser u diskuss l-andament tal-finanzu f'dan il-kwart, il-Kunsill fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, approva dan ir-rapport kif preżentat.

18 (5) 3 Rapport finanzjarju kwart 3 (Ottubru – Diċembru 2005) wara li ġie imfisser u diskuss wkoll l-andament tal-finanzi matul dan it-tielet kwart, il-Kunsill fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood u tal-Viċi Sindku Walter Ahar, approva dan ir-rapport kif preżentat.

L-accountant tal-Kunsil irtirat mill-laqgħa tal-Kunsill minħabba li ix-xogħol tagħha intemm.

## 18 (2) 10 Korrispondenza mibugħta u rċevuta bejn il-11.01.2006 u it-8.02.2006.

04/0091/06 Applikazzjoni konferenza AVEC/Qualicities.

Il-Kunsill bagħat din l-applikazzjoni biex jieħu sehem f'din il-konferenza li sejra issir f'Evora il-Portugal bejn it-23 u it-28 ta' Frar 2006 u li għaliha sejjrin jattendu is-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Charmaine Gerada kellha tieħu sehem f'din il-konferenza, iżda infurmatl lill-Kunsill li minħabba mpenji oħra tax-xogħol tagħha ma setgħatx tipparteċipa.

04/0092/06 Rikumpens lill-Kunsill – Pjazza J.B. Azopardo

Il-Kunsill ġie infurmat mill-kordinatur eżekuttiv tal-KRK li it-talba tal-Kunsill biex jiġi ikkumpensat għax-xogħlijiet li wettaq f'din il-pjazza, ma ġietx approvata.

04/0097/06 Użu tas-Sala tal-Kunsill

Il-Kunsill approva it-talba tal-familja Cumbo biex tuża is-Sala tal-Kunsill għal riċeviment ta' preċett, nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju 2006.

04/0098/06 Bdil ta' numru ġodda ta' residenzi fit-toroq ta' l-Isla.

Avviżż mill-Works Division, Door Numbering Unit tal-Pulizija informa lill-Kunsill li b'effett immedjat in-numri tal-bibien ta' barra tal-Kunsill inbidlu għal numru 2 u numru 4

04/0108/06/I Premjazzjoni ta' Żvilupp Sostenibbli Urban għall-Awtoritajiet Lokali.

Il-MEPA ġiet mistiedna biex tipparteċipa fi programm Leonardo da Vinci – Komunita' Taħriġ Vokazjonali (2000 – 2006) fiċ-ċentru ta' Nicosia.

Il-MEPA kienet qeda tistieden lil dan il-Kunsill biex jipparteċipa. Permezz ta' dan il-proġett ikun hemm :

- Taħriġ ta' persuni li huma konsulenti tal-Kunsill.
- Studju ta' x'jista' jsir fil-lokal b'rapport ta' rakkomandazzjoni.
- Konferenzi relatati huma koperti 100%
- Parteċipanti jistgħu jkunu mill-Kunsill jew konsulenti tal-Kunsill

(Aktar tagħrif dettaljat fl-ittra mehmuża)

04/0110/06/I

Laqgħa tas-Sindku u il-Viċi Sindku mas-Segretarju Parlamentari Onorevoli Edwin Vassallo fis-sala tal-Kunsill Lokali Birkirkara – 1.02.2006

04/0113/06/I Town Twinning Oscars

Minkejja id-diversi proġetti li il-Kunsill tella f'din il-linja, il-Kunsill ma applikax għax ma kienx jikkwalifika skond ir-regolamenti mitluba.

04/0119/06/I Applikazzjoni Ground Tal-Football – Accesibility Audit

Il-Kummissjoni Nazzjonali għal persuni b'diżabilita' qed toġġezzjona għal din l-applikazzjoni minħabba li skond l-opinjoni tagħha ma hemmx aċċess għal kulħadd. Il-Perit tal-Kunsill kiteb minnufih lil Kummissjoni li dan il-Ground huwa aċċessibli minn kullimkien għax qiegħed livell ma triq prinċipali. (04/0220/06/I)

| | |
|---|---|
| 62/B | Din ir-residenta qed titlob li jsir no parking quddiem il-bieb tagħha bil-konsegwenza li l-exhaust qed jidħol f'darha. Il-Kunsill sejjer jordna traffic sign biex jilqa għal dan. |
| 04/0007/06 | Balavostri maqsuma f'gallarija fi Triq San Ġużepp. Perikolużi ħafna. Tressaq l-ilment minnufih lil Housing and Property Departement. |

## 16 (5) Rapport ta' l-attivitajiet

Mehmuż ma dawn il-minuti – rapport finanzjarju kif marru l-attivitajiet bi ħlas li ġew imtella mil-Kunsill sa din il-laqgħa.

## 16 (6) Job Description

Ġew preżentati il-job descriptions taż-żewġ skrivani f'impjieg mal-Kunsill, waħda fuq bażi full time u l-ieħor fuq bażi kuntrattwali (kopja mehmuża)

16 (6) .1 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada u issekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva it-tiġdid tal-kuntratt tas-servizzi klerikali għal sena oħra b'effett mil-5 ta' Diċembru 2005 (kopja mehmuża)

## 16 (7) Website tal-Kunsill

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-website tal-Kunsill li għanda tiġi aġġornata u tkun aġġornata fuq bażi regolari għax sa issa dan ma kienx qed isir regolari.

Il-ħsieb huwa li il-ħidma tal-Kunsill tiġi trasmessa liċ-ċittadini fil-ħin opportun u kontinwament. Ġie suġġerit li l-impjegat fuq bażi kuntrattwali jieħu ħsieb jaġġorna din il-website regolarment.

## 16 (8) Pjan ta' nfiq għas-sentejn li ġejjin 05/06

Dawn huma ix-xogħolijiet kompluti li il-Kunsill bi ħsiebu jwettaq tul is-sentejn li ġejjin.

- Tibdil ta' water mains fi Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Franġisk, Triq il-Ponta.

Wara dan jingħata l-asphalt f'dawn it-toroq inkluż Triq San Ġużepp li hija lesta mill-mains u servizzi ta' l-ilma.

Xogħol ieħor li huwa ndikat li jsir f'dawn is-sentejn li ġejjin huwa:

- Embellishment ta' Pjazza Andrea Debono
- Capstan f'Dawret ix-Xatt
- Triq il-Ħabs l-Antik
- Ground tal-Football – Artificial Turf (Perit)

## 16 (9) Devoluzzjoni Shelters

Minn stħarriġ li għamel dan il-Kunsill sar magħruf li hemm diversi shelters taħt l-Isla u li huma ta' valur storiku. Il-Kunsill huwa tal-fehma li postijiet bħal dawn għandhom jiġu indikati u reabilitati biex isiru ta' attrazzjoni turistika fl-Isla.

Għaldaqstant fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar u issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill approva is-suġġeriment imressaq biex dawn ix-shelters għall-inqas fil-bidu tnejn minnhom jiġu riabilitati.

Għandha issir stima tax-xogħol meħtieġ. Wara il-Kunsill jkun f'pożizzjoni li jevalwa x'għandu jsir u kif għandha issir id-devoluzzjoni.

## 16 (10) Pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-pagament għal ħlasijiet dovuti kif mehmuż għall-ammont ta' Lm12,307.51

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fid-9.45pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha Alphonse Zammit

Sindku Segretarju Eżekuttiv